*BEJGH TA' MATERJAL U SERVIZZI RESI*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Gunju 2001**

**Kawza Numru: 38**
**Citazzjoni Numru: 2253/98/RCP**

**Alberta Fire Fighting & Security Equipment Limited**

**vs**

**Travellers Lodge Company Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici lejn s-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm1,738.08 (elf, seba mija tmienja u tletin liri maltin, tmien centezmi) rapprezentanti prezz ta' materjal tas-sigurta mibjugh u servizzi resi fuq ordni tas-socjeta'

konvenuta kif indikat fl-"*statement*" hawn anness u mmarkat bhala Dok A; u

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata thallas l-ammont pretiz minnha permezz tal-ittra legali datata l-14 ta' Ottubru 1998, izda baqghet inadempjenti; u

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk huwa applikabbli l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

L-istess socjeta` attrici talbet ghalhekk li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tghaddi biex tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, u

2. Tikkundanna is-socjeta' konvenuta thallas s-socjeta' attrici is-somma ta' Lm1,738.08 (elf, seba mija tmienja u tletin liri maltin, tmien centezmi) dovuti minnha bhala prezz ta' materjal tas-sigurta mibjugh u servizzi resi fuq ordni tas-socjeta' konvenuta.

Kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

BI-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali ta' l-14 ta' Ottubru 1998 u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet kummercjali kalkolati mill-5 ta' April 1993 kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 *et sequitur* ttal-process;

Rat id-dokument ezebit ma l-istess citazzjoni attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Novembru 1998;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn eccepew illi:

1. Illi l-ewwelnett sar pagament parzjali li dwaru jridu jsiru verifiki ulterjuri sabiex jigi accertat jekk humiex inkluzi fil-bilanc mitlub;

2. Illi l-merkanzija ordnata u li fil-konfront taghha s-socjeta` attrici pprezentat il-kont taghha ma gietx ikkonsenjata kollha;

3. Illi l-merkanzija kkonsenjata ma hijiex konformi ghall-ftehim ta' bejn il-partijiet u hija ta' valur inqas;

4. Illi fil-kont hemm inkluzi xoghlijiet ta' *conduit* ta' *wiring* li sar minn kuntratturi indipendenti mqabbdin u mhallsin mis-socjeta` konvenuta li kellhom jitnaqqsu fil-kont finali;

5. Illi oltre dan, il-partijiet kienu miftehmin li kellu jitnaqqas mill-kont id-dazju ta' importazzjoni in virtu` ta' l-esenzjoni fiskali tas-socjeta` konvenuta;

6. Illi l-fattura tinkludi konsiderazzjoni falza u frawdolenti mizjuda u maggorata bl-iskop li taghmel tajjeb ghat-tnaqqis miftiehem;

7. Illi konsegwenzjalment, jiddelinja ruhu anke l-arrikkiment indebitu, in vista tal-hames (5) u s-sitt (6) eccezzjonijiet mehudin flimkien.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol 14 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-21 ta' April 1999; tat-12 ta' Novembru 1999; tat-22 ta' Marzu 2000; tal-15 ta' Mejju 2000 u tat-3 t'Ottubru 2000.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta fejn gie pprezentat l-affidavit ta' Mario Vella.

Rat il-verbali tas-seduti tat-30 ta' Novembru 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut u finali trattazzjoni ghall-21 ta' Frar 2001; u tal-21 ta' Frar 2001 fejn Dr Patrick Galea ghas-socjeta` konvenuta ddikjara li m'ghandux provi aktar. Is-socjeta` attrici u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr Galea ddikjara li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2001.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici tal-10 ta' Mejju 2001 u d-digriet tal-Qorti tal-11 ta' Mejju 2001 fejn issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza b'dan li prefiggiet terminu ta' hmistax-il jum ghall-prezentata tal-affidavits bil-visto jew notifika tad-difensur tal-kontro-parti, u halliet il-kawza ghall-provi kollha li fadal ghad-29 ta' Mejju 2001, bl-intiza cara li jekk l-affidavits ma jigux presentati fit-terminu fuq preskritt jigu sfilzati l-affidavits prezentati tardivament.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-25 ta' Mejju 2001 fejn permezz taghha esebiet l-affidavit ta' Elisabeth Barbaro Sant u xi dokumenti.

Rat il-verbal tad-29 ta' Mejju 2001 fejn dehret biss Dr Cathleen Zarb Adami ghas-socjeta` attrici li ddikjarat li m'ghandiex provi aktar u l-kawza giet differita ghall-provi kollha li fadal tal-partijiet ghall-14 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal tal-14 ta' Gunju 2001 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u xehdet Elizabeth Barbaro Sant. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi s-socjeta` attrici ghamlet din il-kawza peress illi qed issostni illi hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' elf, seba' mija tminja u tletin lira Maltin u tmien centezmi (Lm1,738.08) rapprezentanti prezz ta' materjal tas-sigurta` mibjugh u servizzi resi fuq ordni tas-socjeta` konvenuta kif indikat fl-i*statement* immarkat Dok 'A'.

Illi min-naha taghha s-socjeta` konvenuta opponiet tali talba permezz ta' diversi eccezzjonijiet li ressqet fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha.

Illi rat l-affidavit ta' Elizabeth Barbaro Sant a fol 31 tal-process.

Illi fl-affidavit tieghu **Anthony Mario Vella**, direttur tas-socjeta` konvenuta, xehed li hu kien inkariga lis-socjeta` attrici sabiex tinstalla sistema ta' *fire fighting* fil-lukanda Travellers Lodge li tinkludi alarms, *smoke detectors* fil-kmamar, *emergency lights* u accessorji ohra ancillari tas-sistema.

Illi hu qal li qabel ma ftehmu fuq ix-xogholijiet li kellhom isiru u fuq il-forurnituri kif ukoll il-prezzijiet relattivi, hu nforma lis-socjeta` attrici li kien intitolat u jibbenefika minn skema tal-Malta Development Corporation – *Aids to Hotels and Industries*, li permezz taghha kellha ezenzjoni mill-hlas ta' dazju fuq l-importazzjoni ta' oggetti u materjal. Hu tahom

id-dokumentazzjoni kollha relattiva biex issir l-importazzjoni u ma jithallasx dazju.

Illi skond ix-xhud saret l-importazzjoni bl-ezenzjoni mill-hlas tad-dazju wkoll. Giet installata s-sistema fil-lukanda u meta pprezentawlu l-i*statement* biex jiffirmah hu ffirmah minghajr ma ghamel l-ebda verifiki. Hu haseb li l-prezzijiet indikati kienu bid-dazju mnaqqas kif miftiehem. Spjega kif sussegwentement induna li l-prezz kien aktar minn dak miftiehem. Meta kellem lil certu George Barbaro Sant, dan qallu li kien dak l-ammont li kellu jaghti. Inoltre` x-xhud infurmah illi mhux ix-xoghol kollu mnizzel fl-i*statement* intuza jew twahhal fil-lukanda. Talab li jintbaghat xi hadd minn taghhom biex jaghmlu nventarju. Huma baghtu lil Charles Cooper li ghamel il-verifiki mehtiega u skond hu kkonferma dak li sostna.

L-istess xhud qal li kienu baghtulu *revised statement* a bazi tal-verifiki minn Charles Cooper. Pero` l-prezzijiet imnizzla kienu bid-dazju nkluz kif ukoll talbuh ihallas tax-xogholijiet ta' '*conduit* ta' *wiring'* li sar minn kuntratturi indipendenti mqabbdin u mhallsin minnu li kellhom jitnaqqsu mill-kont finali. Illi hu xehed li baqa' jsostni l-posizzjoni tieghu maghhom u nfurmahom li qabel ma jirrangaw l-i*statement* hu ma kienx ser ihallas u ma kienx dispost ihalli lis-socjeta` attrici tarrikkixxi ruhha indebitament minn fuq dahru anke billi uzaw ghall-iskopijiet taghhom beneficcju li kien intitolat ghalih hu, *tanto meno* li jitolbuh prezz oghla minn dak li kienu qalu.

Illi mix-xhieda ta' **Anthony Mario Vella** gew allegati diversi affarijiet minnu, pero` li ma gew bl-ebda mod sostanzjati la b'dokumenti u lanqas korroborati minn xhieda ohra. Illi jinghad pero` li l-istess xhud ammetta li kien ordna bhala direttur, ix-xogholijiet minghand is-socjeta` attrici, li kien hemm xoghol li gie nstallat u li kwindi kellu jhallashom ta' l-istess. Kwindi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont imsemmi fic-citazzjoni, anke ghaliex s-socjeta` konvenuta naqset li tissodisfa l-oneru tal-prova mpost fuqha, li tipprova l-allegazzjonijiet taghha, u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi mhux biss izda mix-xhieda ta' **Elisabeth Barbaro Sant** l-allegazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta gew ukoll kontradetti fis-sens li l-prezzijiet kwotati kienu dawk miftehma kif jidher minn Dok LBS2 (fol 35), l-*equipment* installat kien skond il-ftehim, hlief ghal diskrepanza fuq is-*size* taz-*Zone Fire Panel* li l-prezz tieghu gie mnaqqas, u li l-azzjoni attrici saret abbazi tar-*revised statement* esebit bhala Dok LSB3 a fol 37 tal-process, u fl-ahharnett li x-xoghol kollu ma sarx peress li partijiet mill-lukanda ma kienitx lesta, u l-valur tal-istess xogholijiet tnaqqsu mill-kont. Illi ghalhekk anke in vista ta' din, l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta ghandhom jigu respinti.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** u dan billi:

2. Tikkundanna is-socjeta' konvenuta thallas s-socjeta' attrici is-somma ta' elf, seba mija tmienja u tletin liri Maltin, u tmien centezmi (Lm1,738.08) dovuti minnha bhala prezz ta' materjal tas-sigurta mibjugh u servizzi resi fuq ordni tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali ta' l-14 ta' Ottubru 1998 u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mac-citazzjoni attrici u bl-imghaxijiet kummercjali kalkolati mit-3 ta' Novembru 1998 sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Gunju, 2001**